# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' April 2018**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 672/2016 LM**

**Joseph Casha**

***v.***

***Valletta Gateway Terminals Limited (C 38888)*; u b'dikriet tal-14 ta' Settembru 2016 issejħet fil-kawża s-soċjetà kummerċjali *en nom collectif A.A.J.E. Abela Brothers (P.461)***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta *Valletta Gateway Terminals Limited* ["l-appellanti"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 2017 li ċaħdet eċċezzjoni ta' dekadenza mressqa mill-istess appellanti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur, li huwa ħaddiem tal-port, korra waqt li, imqabbad mill-appellanti, kien qiegħed jaħdem fuq bastiment. Fetaħ din il-kawża

tallum biex jitlob dikjarazzjoni ta' responsabilità tal-appellanti u l-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni. L-appellanti ressqet din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

»… … … il-kawża odjerna hija irritwali u *fuori termine* skont l-artikolu 29(*a*) tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta), inkwantu ma saret ebda *claim* fil-konfront tas-soċjetà konvenuta fi żmien sitt xhur mill-inċident mertu ta' din il-kawża, liema perjodu huwa wieħed ta' dekadenza«

3. L-art. 29(a) tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti ["Kap. 352"] igħid hekk:

»**29.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità[1] jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba –

»(*a*) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skont il-każ, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur;«

4. It-test ingliż tal-istess artikolu jgħid hekk:

»**29**. Notwithstanding the provisions of any other law, no action shall lie against the Authority or a contractor in relation to their responsibilities under this Act, or for any loss or damage caused to any person, vessel, goods, vehicles or other things whatsoever on board a ship unless -

»(*a*) a claim in writing, giving such particulars as may reasonably be necessary, is given to the Authority or the contractor, as the case may be, not later than six months after the date on which the goods were accepted by the Authority or the contractor;«

5. L-ewwel qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Illi l-attur Joseph Casha huwa ħaddiem tax-xatt liċenzjat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u fit-11 ta' Awissu 2015 kien involut f'inċident

[1] L-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

meta kien qed jagħmel xogħol fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konventa hija t-*terminal operator* awtorizzat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta – xi ħaġa li qed tiġi kkontestata mill-attur – li topera mid-*Deep Water Quay* fejn tipprovdi b'mod esklussiv servizzi ta' *cargo handling* fil-Port il-Kbir. Meta tiġi merkanzija minn barra l-pajjiż, is-soċjetà konvenuta tieħu ħsieb li din tinħatt minn fuq il-vapur. Meta l-merkanzija tkun għall-esportazzjoni, is-soċjetà konvenuta tieħu ħsieb li din titgħabba fuq il-vapur biex tinġarr għal barra minn Malta.

»… … …

»Illi f'dan l-istadju l-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża huwa jekk fir-rigward tat-talbiet attriċi għal-likwidazzjoni u għall-kundanna għal ħlas ta' danni għandux jiġi applikat l-artikolu 29(*a*) tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kap. 352) kif isostni fl-imsemmija eċċezzjoni preliminari tagħha s-soċjetà konvenuta, fis-sens illi l-*claim* bil-miktub tal-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta kellha ssir fi żmien sitt xhur mill-inċident mertu ta' din il-kawża, liema perjodu huwa wieħed ta' dekadenza, jew kif isostni l-attur għandhiex tiġi applikata l-preskrizzjoni ġenerali ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

»… … …

»Illi fl-ipoteżi li kien legalment meħtieġ li tingħata talba bil-miktub mill-attur lis-soċjetà konvenuta, xi ħaġa li l-partijiet jaqblu li ma saritx, dan iwassal biex l-azzjoni odjerna titqies li hija estinta. Fl-ipoteżi li din it-talba bil-miktub ma kinetx legalment meħtieġa, il-worti tkun tista' tkompli tisma' l-każ fil-mertu abbażi tat-talbiet tal-atturi u tal-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjetà konvenuta u tas-soċjetà msejħa fil-kawża. …… …

»Illi mid-diċitura tal-artikolu 29 tal-Kap. 325 huwa tassattiv li tintbgħat talba bil-miktub lill-awtorità jew lill-kuntrattur fi żmien sitt (6) xhur mill-inċident, il-għaliex fin-nuqqas l-imsemmija liġi tipprefiġġi tassattivament illi ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-awtorità jew il-kuntrattur. Mid-diċitura tal-imsemmi artikolu, huwa ċar ukoll li dan it-terminu mhux wieħed ta' preskrizzjoni iżda ta' dekadenza li ma jagħtix … … …

»… … …

»Illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet reponsiva tiegħu jikkontendi li r-rekwiżit tat-talba bil-miktub *ai termini* tal-artikolu 29(*a*) tal-Kap. 325 ma japplikax għall-każ *de quo*, *stante* li l-istess soċjetà konvenuta ma ppruvatx li hi fil-fatt kuntrattur tal-awtorità u jikkontendi li *quod non est in actis non est in mundo.*

»Illi l-qorti ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni tal-attur il-għaliex diġà ġie stabbilit permezz ta' diversi sentenzi tal-qrati tagħna[2] illi s-soċjetà konvenuta taqa' fid-definizzjoni ta' kuntrattur imsemmi fl-artikolu 29 tal-Kap. 325 bħala *terminal operator* awtorizzat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

»… … …

---

[2] *Middlesea Insurance p.l.c. et v. Valletta Gateway Terminals Ltd et*, Q. Maġ. (Malta), 26 ta' Marzu 2012; *Atlas Insurance PCC Ltd v. Valletta Gateway Terminals Ltd*, Q. App. (Inf.), 24 ta' Ġunju 2015.

»Illi fl-ordni ġuridiku Malti l-qorti ma tistax ma tiħux konjizzjoni ġudizzjarja *(judicial cognizance*) ta' fatt magħruf u li jkun ġie stabbilit mill-każistika ta' dawn il-qrati stess, dejjem jekk l-affarijiet ma jkunux tbiddlu bil-passaġġ taż-żmien, li mhuwiex il-każ odjern. Din il-qorti kif presjeduta wkoll għadha kif tat deċiżjoni f'dan is-sens fl-ismijiet Anton Debono *v. Valletta Gateway Terminals Limited et*.[3]

»Illi għandu jiġi rilevat però illi l-mertu tal-kawża odjerna mhuwiex dwar merkanzija danneġġjata imma hija talba għad-danni li qed issir mill-attur li allegatament korra waqt li kien qed iħott merkanzija minn abbord vapur b'inkarigu tas-soċjetà konvenuta.

»Illi l-artikolu 29 tal-Kap. 352 jagħmel riferiment kemm għall-awtorità, kif ukoll għall-kuntrattur tagħha. Kif diġà intqal aktar 'il fuq, m'għandu jkun hemm ebda dubju li s-soċjetà konvenuta għandha titqies bħala kuntrattur tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u għalhekk is-soċjetà konvenuta bħala kuntrattur tal-awtorità tista' tipprevalixxi ruħha minn dan il-perjodu ta' dekadenza fil-każ in deżamina jekk ikunu jissussistu ċ-ċirkostanzi li jsir riferiment għalihom fl-imsemmi artikolu.

»Illi għalhekk dak li jibqa' x'jiġi stabbilit mill-qorti f'din il-kawża f'dan l-istadju huwa jekk iċ-ċirkostanzi mertu ta' din il-kawża fir-rigward ta' liema l-attur qiegħed jirreklama d-danni jaqgħux fl-ambitu tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 352 jew jekk l-azzjoni attriċi għandhiex titqies min-natura tagħha bħala azzjoni għad-danni bbażata fuq kulpa akwiljana taħt il-Kodiċi Ċivili.

»… … …

»Illi fil-każ in deżamina l-attur mhuwiex utent tas-servizzi li toffri l-awtorità jew kuntrattur tagħha. Huwa veru li l-attur hu soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-awtorità. Huwa veru li s-sigurtà ta' impjegat jew ta' persuna mqabbda minn kuntrattur jew l-awtorità hi responsabbiltà tagħhom, però tali responsabbiltà toħroġ minn liġijiet oħra *ad hoc* dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol u mhux mill-Kapitolu 352.

»Illi l-artikolu 29 tal-Kap. 352 jgħid illi "ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att" u mhux taħt xi Att ieħor. Huwa veru wkoll li l-artikolu 29 ikompli billi jgħid "jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment", però kif dil-klawsola tal-liġi ġiet interpretata mill-Qorti tal-Appell[4] (għalkemm f'każ fejn l-attur ma kienx impjegat jew imqabbad mill-kuntrattur), din l-istess interpretazzjoni għandha tapplika wkoll għal persuna mqabbda biex tagħti x-xogħol tagħha lill-kuntrattur. Tali persuna mhijiex utenti tas-servizzi offruti taħt il-Kap. 352, u dan joħroġ ċar mid-diċitura tal-liġi fejn jingħad "li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-awtorità jew mill-kuntrattur".

»Ir-relazzjoni ġuridika tal-attur mal-kuntrattur jew mal-awtorità fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol mhijiex regolata bil-Kapitolu 352 u għalhekk ma jistax jingħad, bl-ebda mod, illi

---

3 8 ta' Frar 2017.

4 Silvia Grech *et v.* Ministru responsabbli mit-Trasport u Komunikazzjoni *et*, App. Ċiv. 31 ta' Ottubru 2014.

l-Kap. 352 hija liġi speċjali li tirregola din il-materja u li għandha tipprevali fuq il-liġi ġenerali.

»Tqis illi l-iskop dikjarat tal-Kap. 352 huwa "biex jipprovdi għat-twaqqif ta' portijiet f'Malta, għar-reġistrazzjoni u liċenzjar ta' dgħajjes u bastimenti u sabiex jirregola l-użu tagħhom fl-ibħra territorjali ta' Malta u biex jistabbilixxi drittijiet u ħlasijiet u ħwejjeġ oħra ancillari għall-bastimenti."

»Minn analiżi dettaljata tal-Kap. 352, jirriżulta illi l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tipprovdi *"a safe working environment"* lill-ħaddiema mqabbdin minnha bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap. 352 u għalhekk kwalunkwe ksur ta' dan l-obbligu m'għandux ikun milqut min-neċessità ta' talba bil-miktub lill-kuntrattur fi żmien sitt xhur mill-inċident, u ċjoè għall-perjodu ta' dekadenza stipulat bl-artikolu 29(*a*) tal-Kap. 352.

»Tqis fl-aħħar nett illi l-mod kif inhu fformulat l-artikolu 29 tal-Kap. 352 mhuwiex għalkollox ċar u jista' jagħti lok għall-ambigwità u għal inter-pretazzjonijiet u deċiżjonijiet konfliġġenti. Illi l-artikolu taħt eżami jimporta l-applikazzjoni ta' żmien limitattiv li fih azzjoni ta' riżarciment tad-danni setgħet tiġi eżerċitata. Tali dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi interpretata, f'każ ta' dubju, favur li tiġi ppreservata l-azzjoni, favur li d-dritt pretiż jiġi ppreservat. Dan għar-raġuni li l-eċċezzjoni tal-perjodu ta' dekadenza tas-sitt xhur, għalkemm rikonoxxuta bħala meħtieġa biex tassigura illi l-azzjoni tiġi eżerċitata *entro* terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontenenti jiġu debitament aċċertati, hija minnha nnifisha odjuża u għandha għalhekk tiġi interpretata restrittivament.

»*Decide*

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u tordna li din il-kawża titkompla bis-smigħ tal-provi dwar il-mertu.

»L-ispejjeż ta' din il-proċedura qegħdin jitħallew għas-sentenza finali.«

6. *Valletta Gateway Terminals Ltd* appellat b'rikors tat-22 ta' Marzu 2017 wara li ngħatat fakoltà tagħmel hekk mill-ewwel qorti b'dikriet tat-2 ta' Marzu 2017 kif igħid u jrid l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-attur wieġeb fit-13 ta' Ottubru 2017.

7. L-ewwel parti tal-aggravju tal-appellanti jolqot il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi l-art. 29 ma japplikax għar-relazzjoni bejn il-partijiet fejn tidħol is-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Din il-parti tal-aggravju ġiet imfissra hekk:

»Illi l-aggravju tas-soċjetà appellanti jirrigwarda l-fatt li l-ewwel onor-abbli qorti ma applikatx it-terminu stabbilit fl-artikolu 29(*a*) tal-Kapitolu

352 a tenur ta' liema l-azzjoni kellha tiġi ppreżentata fi żmien sitt xhur mill-inċident iżda applikat il-perjodu preskrittiv taħt il-liġi ġenerali in kwantu ddeċediet illi "r-relazzjoni ġuridika tal-attur mal-kuntrattur jew mal-awtorità fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol mhijiex regolata bil-Kapitolu 352 u għalhekk ma jistax jingħad, bl-ebda mod, illi l-Kap. 352 hija liġi speċjali li tirregola din il-materja u li għandha tipprevali fuq il-liġi ġenerali.

»Illi d-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti erronjament għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-bażi legali li jipprovdi Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta f'ċikustanzi bħal dawk odjerni, u ddeċidiet li jirriżulta li l-obbligu tas-soċjetà appellanti "li tipprovdi *a safe working environment* lill-ħaddiema mqabbdin minnha bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap. 352 u għalhekk kwalunkwe ksur ta' dan l-obbligu m'għandux ikun milqut min-necessità ta' talba bil-miktub lill-kuntrattur fi żmien sitt xhur mill-inċident u ċjoè għall-perjodu ta' dekadenza stipulata bl-artikolu 29(*a*) tal-Kap. 352".

»… … …

»Illi l-applikazzjoni tal-artikolu 29 kif abbozzat tirrikjedi essenzjalment is-segwenti elementi:

»(i) illi l-azzjoni in kwistjoni hija kontra l-awtorità jew il-kuntrattur;

»(ii) illi l-azzjoni hija dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt il-Kapitolu 352; jew

»(iii) illi l-azzjoni hija għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment;

»(iv) l-azzjoni issir fi żmien sena.

»Illi l-artikolu 29 japplika *inoltre* "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra".

»Illi kwantu ghall-ewwel element jirriżulta b'mod ċar illi l-kumpannija esponenti hija "kuntrattur" għall-iskop tal-Kapitolu 352 *in vista* tal-fatt li s-soċjetà esponenti daħlet fi ftehim mal-awtorità sabiex topera l-faċilitajiet portwali fil-Port il-Kbir u servizzi relatati mal-port, senjatament *cargo handling*, minflok l-istess awtorità, għal perjodu ta' tletin sena; is-soċjetà appellanti hija meqjusa mill-awtorità bħala kuntrattur tagħha fit-termini tal-liġi.

»… … …

»Illi it-tieni u t-tielet element meħtieġa għall-applikazzjoni tal-artiklu 29 tal-Kap. 352 u *cioè* "illi l-azzjoni hija dwar ir-responsabiltà tal-awtorità/kuntrattur taħt il-Kapitolu 352 jew illi l-azzjoni hija għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment", dawn jirrigwardaw in-natura tal-azzjoni.

»Illi huwa proprju fl-interpretazzjoni ta' din il-parti tal-artikolu 29 u fl-applikazzjoni tal-istess mill-ewwel qorti illi jinstab l-aggravju proprju tas-soċjetà appellanti.

»Illi l-ewwel qorti għamlet referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet <u>Silvia Grech *et v.* Ministeru Responsabbli mit-Trasport u Komunikazzjoni</u> mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fid-19 t'Ottubru 2010 fejn kienet tirrigwarda kawża għad-danni

kontra l-Awtorità Marittima minn sid ta' stabbiliment kummerċjali wara li x-xogħlijiet li saru mill-istess għall-bini ta' *terminal* ġdid fl-Imġarr fejn jorbtu l-bastimenti ta' Għawdex ħolqu inkonvenjent kbir għall-atturi fin-negozju tagħhom li wassal għal telf ta' qligħ. Din il-kawża għalhekk ma kinitx tinvolvi "telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġett, vetturi jew ħwejjeġ oħra abbord bastiment". F'dik is-sentenza l-qorti qalet li filwaqt li l-bini ta' *terminal* ġdid kien parti mir-responsabiltajiet tal-Awtorità Marittima, l-artiklu 29 ma jistax jolqot ir-relazzjoni tal-awtorità ma' terzi, li bħall-atturi mhumiex utenti tas-servizzi tal-awtorita jew suġġetti għal-ġurisdizzjoni tagħha. Il-qorti sostniet ili f'dak il-każ ir-relazzjoni bejn l-atturi u l-awtorità "mhijiex konsegwenza tar-respons-abiltajiet tal-awtorità taht l-Att".

»Illi l-ewwel qorti applikat din l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell u sostniet li la darba l-attur fil-kawża odjerna mhuwiex utenti tas-servizzi offruti taħt il-Kap. 352 … l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tipprovi *a safe working environment* … allura bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap 352.

»Illi bir-rispett kollu lejn l-ewwel onorabbli qorti din l-interpretazzjoni tal-artiklu 29 hija difettuża għas-segwenti raġunijiet:

»i) illi l-kawza ta' Silvia Grech et v l-Awtorita' Marittima kienet tirrigwarda "azzjoni kontra l-awtorità allegatament "dwar ir-respons-abiltajiet tagħha taħt l-Att 252" [*recte*, il-Kap. 352] u mhux azzjoni kontra l-awtorità jew kuntrattur "għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġett, vetturi jew ħwejjeg oħra abbord ta' basti-ment";

»ii) illi l-kawża odejna tirrigwarda kawża kontra kuntrattur tal-awtorità għal telf jew ħsara lil persuna abbord bastiment;

»iii) illi il-kliem fil-liġi "dwar ir-responsabiltajiet tagħhom taħt dan l-Att" jikkwalifikaw l-ewwel tip t'azzjoni u mhux it-tieni. Dawn huma ċarissimi mit-test tal-liġi;

»iv) illi kien għalhekk żbaljat li l-ewwel qorti tuża l-istess kwali-fikazzjoni għat-tieni tip t'azzjoni u *cioè* għall-azzjoni ta' danni mitluba minn persuna wara inċident fuq bastiment, meta ma hemmx din it-tip ta' kwalifika għal din l-azzjoni;

»v. fil-fatt, l-unika ħtieġa għall-applikazzjoni tal-artikolu 29 f'dan il-każ kien illi l-azzjoni hija kontra l-awtorità jew kuntrattur u li kienet tirrigwarda "telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment". Minn imkien rna jirriżulta illi hemm bżonn ta' relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut naxxenti mir-responsabiltajiet tal-konvenut taħt l-Att jew li l-attur ikun "utent" tas-servizz tal-konvenut *qua* kuntrattur;

»vi. … … …

»vii. illi li kieku l-interpretazzjoni tal-ewwel qorti kienet korretta, kieku l-leġislatur kien jaghmel il-kliem "dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att" fit-tarf tal-paragrafu u mhux fin-nofs tiegħu qabel it-tieni tip ta' azzjoni li jaqaw taht l-artikolu 29.«

8. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-art. 29 tal-Kap. 352 jolqot sitwazzjonijiet fejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew il-kuntrattur

tagħha jkunu qegħdin jagħtu sevizz lil terzi jew jinqdew b'setgħat li tagħti l-istess liġi; jolqot ir-relazzjoni bejn l-awtorità jew il-kuntrattur u dawk li jinqdew bis-servizzi tagħhom, iżda ma jolqotx ukoll ir-relazzjoni bejn l-awtorità jew il-kuntrattur tagħha u l-ħaddiema mqabbda minnhom. Ma hemm ebda raġuni għala l-awtorità jew il-konvenut għandhom igawdu posizzjoni privileġġjata f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-inkolumità tal-ħaddiema.

9. L-argument tal-konvenuta appellanti dwar il-posizzjoni tal-kliem "dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att" ma jibdel xejn minn dan għax ma kienx jagħmel sens li kieku flok:

> »**29.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment … … …«

il-liġi kienet tgħid:

> »**29.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att … … …«

10. Din il-parti tal-aggravju hija għalhekk miċħuda.

11. Fit-tieni parti tal-aggravju l-konvenuta appellanti tgħid illi, ukoll jekk ir-raġunament tal-ewwel qorti dwar is-sitwazzjonijiet milquta bl-art. 29 kien korrett – kif fil-fatt kien, kif rajna fil-paragrafi ta' qabel dan – ir-relazzjoni bejn l-attur u l-appellanti xorta hija konsegwenza tar-responsabilitajiet tal-appellanti taħt il-Kap. 352:

> »Illi f'kull każ … … … ir-relazzjoni bejn l-attur u s-soċjetà esponenti hija konsegwenza tar-responsabilitajiet tagħha taħt l-Att, u dan għaliex

> il-kawża tirrigwarda inċident illi seħħ waqt il-ħatt ta' merkanzija abbord bastiment liema operazzjoni ta' ħatt ta' merkanzija hija responsabilità tas-soċjetà esponenti *qua* kuntrattur tal-awtorità taħt l-Att. Barra minn hekk, l-attur ma kienx sempliċiment *passer-by* iżda huwa ħaddiem tax-xatt *ossia port worker*, li huma ħaddiema liċenzjati mit-*Transport Malta* li f'dan il-każ hija l-awtorità taħt l-Att u s-soċjetà appellanti hija obbligata taħt il-liġi u mill-awtorità illi tingaġġa biss *port workers* għal din it-tip ta' operazzjoni;
>
> »Illi għalhekk f'kull każ l-azzjoni odjerna tinkwadra ta[t l-artikolu 29 tal-Kap 352.
>
> »Illi in kwantu għar-raġunament tal-ewwel qorti illi l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tipprovdi *a safe working environment* lill-ħaddiema mqabbda bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap. 352 … [*sc. d*an] imur kontra l-kliem operattiv tal-artikolu 29 li japplika "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra".
>
> »… … …

12. Ir-responsabilità tal-appellanti dwar ħatt ta' merkanzija hija parti mir-responsabilità tagħha taħt il-Kap. 352, iżda dik lejn il-ħaddiema mqabbda minnha ma hijiex responsabilità li toħroġ mill-Kap. 352 iżda toħroġ mil-liġi ġenerali dwar responsabilità akwiljana u mil-liġi ġenerali dwar sigurtà fuq il-post tax-xogħol u inkolumità tal-ħaddiema. Il-Kap. 352 japplika "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra" f'dak li huwa regolat mill-istess Kap. 352, u mhux f'materja li ma hijiex regolata bil-Kap. 252.

13. Din il-parti tal-aggravju wkoll għalhekk ma tistax tintlaqa'.

14. F'kull każ, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, il-mod kif inhu abbozzat l-art. 29 ma huwiex għalkollox feliċi: igħid illi "ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna … … …" sakemm ma tkunx saret talba bil-miktub "mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur". Kont tistenna li, *sa mai*, it-terminu f'każ ta' ħsara lil persuna jibda jgħaddi minn dakinhar tal-inċident mhux minn meta

jkunu aċċettati l-oġġetti, ladarba ż-żewġ avvenimenti ma humiex marbutin ma' xulxin, iżda l-liġi ma tgħidx hekk. Dan joħloq dubju dwar id-*dies a quo* u, kif osservat l-ewwel qorti, dan id-dubju għandu jmur kontra l-eċċezzjoni ta' dekadenza.

15. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ..

16. L-ispejjeż tal-appell tħallashom is-soċjetà konvenuta appellanti.

| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
df